# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. numru 114/85 PC**

**Alfred P. Farrugia fil-kwalita' tieghu ta' Kap Taqsima Finanzi tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta, u f'isem u ghan-nom tal-legati annessi mal-Knisja ta' San Filippu Neri tal-Belt Vittoriosa, Malta ; u b'nota tas-6 ta' Lulju 1990, Salvatore Muscat assuma l-atti tal-kawza minflok Alfred P. Farrugia ; u Alfred Attard u Joseph Attard u b'nota tas-6 ta' Novembru 1990 Joseph Attard assuma l-atti tal-kawza minflok huh Alfred li jinsab imsiefer**

**vs**

**Charles Borg**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

Dan huwa appell li bih l-atturi pprocedew kontra l-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri b'dan l-att tac-citazzjoni :-

"L-atturi proprio et nomine ppremettew illi l-Knisja ta' San Filippu Neri ta' Vittoriosa, Malta, hija proprjetarja ta' porzjoni mit-territorju msejja "Ta' Gordan" li jinsab fil-kuntrada ta' Gordan, fil-limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka disat itmien, pari ghal madwar ghaxart elef mija u sittax-il metru kwadru (10,116m.k.), u konfinanti min-nofsinhar ma' sies, u mit-tramuntana u punent ma' proprjeta' tal-Gvern Civili jew is-successuri tieghu fit-titolu ; u liema art tinsab imqabbla ghand l-atturi ahwa Attard ; kif murija fis-site plan annessa, Dokument "A";

U illi l-konvenut qieghed jippretendi li jokkupa parti minn din l-art u dan minghajr ma pproduca ebda titolu validu fil-Ligi;

U illi l-konvenut, minkejja l-interpallazzjonijiet ta' l-atturi, sabiex jizgombra, naqas li jaghmel dan.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhhiex din il-Qorti :-

1. Tiddikjara illi l-art imsemmija hija proprjeta' esklussiva ta' l-attur Alfred P. Farrugia nomine, attwalment imqabbla ghand l-atturi ahwa Attard, u li l-konvenut qed jokkupaha minghajr ebda titolu validu fil-Ligi ;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jizgombra mill-istess art.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta lill-konvenut fis-sbatax (17) ta' April tal-elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), u ta' l-ittra ufficjali mibghuta lilu f'Gunju tal-elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985)."

## ECCEZZJONIJIET

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi in linea preliminari, in-nullita' tac-citazzjoni stante li ma gietx pprezentata kif suppost skond il-Ligi ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ;

2. In-nullita' tad-Dikjarazzjoni ta' l-atturi billi mhux minnu li dina saret skond il-Ligi, u stante l-invalidita' taghha konsegwentement ukoll in-nullita' ta' l-istess citazzjoni ;

3. Illi l-attur Alfred P. Farrugia fil-kwalita' tieghu kif indikat, barra li jrid jipprova l-kariga tieghu, m'ghandu l-ebda interess legittimu li jkun parti f'dina l-kawza u ghaldaqstant fil-konfront tieghu l-konvenut ghandu jigi lliberat bl-ispejjez intieri.

4. Illi l-attur Alfred P. Farrugia minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, ma jistax jidher f'atti gudizzjarji f'isem u ghan-nom ta' xi haga mhix kjarament identifikabbli u li ma tkunx persuna, u ghaldaqstant ghal dina r-raguni wkoll il-konvenut ghandu jigi lliberat fil-konfront tieghu bl-ispejjez b'kollox ;

5. Illi bir-rispett kollu dina l-Qorti mhix kompetenti biex tisma' u tiddecidei dina l-kawza, u kwindi l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ;

6. Illi minghajr pregudizzju tkun trid issir il-prova, dokumentata u awtentikata, rigward il-proprjetarju ta' porzjoni mit-territorju msejjah "Ta' Gordan", fil-limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex, kif indikat fic-citazzjoni odjerna ;

L. Illi fil-mertu mhux minnu li l-art in kwistjoni tinsab imqabbla ghand l-atturi ahwa Attard, u l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet ta' l-atturi ahwa Attard huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi mfisser waqt l-andament tal-kawza."

**<u>DECIDE</u>**

B'sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat illi l-art li tkejjel madwar 2642 metri kwadri okkupata mill-konvenut Borg, tifforma parti ntegrali mit-territorju ta' cirka disat itmien, pari ghal madwar ghaxart elef, mija u sittax-il metru kwadru, konfinanti minn nofsinhar ma' sies, u mit-Tramuntana u l-Punent ma' proprjeta tal-Gvern, jew is-successuri

tieghu fit-titolu, hija proprjeta' esklussiva ta' l-attur Salvatore Muscat nomine, attwalment imqabbla ghand l-atturi l-ohra ahwa Attard, u li l-konvenut qed jokkupaha minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Charles Borg sabiex jizgombra mill-istess art fi zmien xahar mil-lum. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fis-17 ta' April 1985 u ta' l-ittra ufficjali ta' Gunju 1985, kollha kontra l-konvenut.

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Illi permess ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjonijiet li l-art deskritta fic-citazzjoni tappartjeni lilhom rispettivament bhala proprjetarji u inkwilini, u li konsegwentement il-konvenut qieghed jokkupa parti mill-istess art minghajr ebda titolu validu fil-ligi. In segwitu jitolbu wkoll ghalhekk il-kundanna ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-istess parti minn din l-art minnu okkupata.
>
> Il-konvenut qed jopponi dawn it-talbiet b'numru ta' eccezzjonijiet. L-ewwel tlett eccezzjonijiet ta' natura preliminari gew irtirati ; l-ewwel u t-tieni eccezzjoni permez tal-verbal maghmul fis-seduta peritali tal-24 ta' Frar 1986 (ara fol 2 – 2 tat-typescript tax-xhieda) u t-tielet eccezzjoni jghid li rrinunzja ghaliha l-istess konvenut fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu (a fol 15).
>
> Bir-raba' eccezzjoni tieghu, l-konvenut qed jitlob li jigi liberat fil-konfront ta' l-attur Alfred P. Farrugia ghaliex jikkontendi illi dan ma jistax jidher f'atti gudizzjarji f'isem xi haga mhux kjarament identifikabbli u li ma tkunx persuna. Apparti l-fatt illi l-konvenut imkien ma ssostanzja din l-eccezjoni, l-Qorti ma tista' ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccetta illi enti morali bhal ma huma l-"Legati annessi mal-Knisja ta' San Filippu Neri" tal-Birgu, jigi rappresentat fi proceduri gudizzjarji minn persuna fizika.

Fil-hames eccezzjoni tieghu l-konvenut jghid illi din il-Qorti hija nkompetenti sabiex tisma' l-kawza, minghajr ma jaghti r-raguni ghaliex. Kieku ried isostni din l-eccezzjoni l-konvenut kien jinsisti ghal decizjoni dwarha fl-istadju preliminari tal-kawza, u mhux jippermetti illi din tibqa' tiehu l-kors regolari taghha sakemm tithalla ghas-sentenza. Jidher ghalhekk illi a tenur tal-artikolu 772 u 778 tal-Kp. 12 din l-eccezzjoni giet ukoll tacitament rinunzjata.

Jibqa' ghalhekk biss x'jigu kkunsidrati l-eccezzjonijiet fuq il-mertu. F'dan ir-rigward il-konvenut isostni illi trid issir il-prova dokumentata u awtentikata dwar il-proprejtarju tal-porzjon raba' in kwistjoni u li mhux minnu illi l-istess art tinsab imqabbla ghand l-atturi ahwa Attard.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma fil-qosor is-segwenti :-

Il-konvenut Charles Borg qieghed jokkupa u kien ilu jokkupa ghal bosta snin, bicca raba' msejjha "Ta' Gordan", limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex, tkejjel madwar 2642 metri kwadri. Din juzaha ghad-delizju tieghu tal-kaxxa, f'zewg perijodi matul is-sena. Il-Kurja Arciveskovili ta' Malta qed tikkontendi illi din l-art hija proprjeta' taghhom u tifforma parti minn territorju akbar illu huma qabblu lill-atturi ahwa Attard fl-1985, u li l-konvenut konsegwentement qieghed jokkupaha minghajr ebda dritt.

Mill-kumpless ta' provi mressqa u dokumenti esebiti jidher illi l-partijiet sabu ruhhom f'dawn ic-cirkostanzi minhabba diversi fatturi li sehhew matul medda ta' madwar mitt sena.

It-territorju msejjah "il-Clausura ta' Giordan" limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex, tal-kejl komplessiv ta' madwar erbatax-il tomna, kien originarjament waqa' f'idejn il-Knisja tal-Birgu billi kien gie akkwistat fis-seklu tmintax minn irkant pubbliku, u sar jifforma parti mill-legati annessi mal-"Venerando Oratorio di San Filippo Neri" ta' l-istess Knisja. Minn zmien ghall-iehor kien jigi koncess in enfitewsi temporanja, u permezz ta' kuntratt in atti Nutar Felice Cremona tas-27 ta' Gunju 1878 inghata b'dan it-titolu lil kjeriku Giuseppe Vella miz-Zebbug, Ghawdex, ghal perijodu ta' disa u disghin sena, bic-cens annwu ta' zewg liri u nofs.
Bis-sahha ta' kuntratt tan-Nutar George Alfred Page tad-19 ta' Awissu 1902, l-Ammiraljat kien akkwista minghand l-istess kjeriku Vella l-"utile dominio temporanju" ghaz-zmien li kien fadal minn dan ic-cens fuq porzjoni ta' madwar tomnejn tlett sieghan u tlett kejliet, u b'kuntratt iehor ta' l-istess Nutar tat-18 ta' Marzu 1905, l-Ammiraljat akkwista wkoll id-dirett dominju fuq l-istess art minghand il-Knisja ta' San Filippu tal-Birgu.

Lill-kjeriku Giuseppe Vella, wirtuh diversi qraba tieghu in forza tat-testment tieghu in atti Nutar Francesco Refali tat-28 ta' April 1922. Jidher ghalhekk illi dan it-territorju gie diviz bejn id-diversi werrieta, u fosthom kien hemm Giuseppe Attard, in-nannu ta' l-atturi ahwa Attard u Giuseppe Caruana. Dan Giuseppe Attard kien jigbor is-sehem ta' l-utilisti l-ohra mic-cens u jhallas kollox ghand il-prokuratur tal-Knisja tal-Birgu f'Ghawdex. Warajh ghamel ukoll xi zmien jigbor l-istess cens ibnu Francesco Attard, missier l-atturi ahwa Attard.

Permezz ta' kuntratt tan-Nutar John Busuttil tas-7 ta' Jannar 1958, Giuseppe Caruana assenja l-parti li messet lilu minn dan it-territorju, u cioe' bictejn art ikejlu cirka tomna 'l wahda lil bintu Maria mart Joseph Grech b'titolu ta' antikresi ghal perijodu ta' tmenin sena. Pero' jigi nnotat illi n-Nutar fuq dak il-kuntratt jiddikjara illi ma kienx gie mqabbad jaghmel ebda ricerki fuq il-provenjenza ta' l-istess art.

F'xi zmien wara, din Maria Grech qabblet l-istess raba' liz-ziju tal-konvenut, u meta dan miet, il-konvenut, peress illi huwa kien gia ilu snin jiffrekwenta din l-art flimkien ma' zijuh, baqa' jhallasha l-qbiela hu.

In segwitu din Maria Grech li sadanittant kienet romlot u regghet izzewget biex saret Maria Galea, write ix-xewqa lill-konvenut li tbieghlu din l-art flimkien ma' xi bicca raba' ohra li kienet tipposjedi. Ftehmu fuq prezz ta' tlett mitt lira (Lm300) ghal kollox u marru ghand in-Nutar Antonio Carbonaro. Dan billi ma setghetx tirrizultalu provenjenza cara dwar dawn il-beni ssuggerixxa illi l-partijiet minflok bejgh jaghmlu skrittura ta' kera, u fil-fatt in forza ta' skrittura li saret ghand l-istess Nutar fil-5 ta' Marzu 1981, Maria Galea kkoncediet b'titolu ta' qbiela lill-konvenut Charles Borg dawn il-bicciet raba' ghal perjodu ta; hames snin bir-rata ta' sitt liri fis-sena, bid-dritt li dan igedded l-istess qbiela sakemm irid. Bl-istess skrittura Borg intrabat illi jhallas in-nofs lira cens gravanti r-raba' "Ta' Giordan" lil Frenc Attard, u tlett centezmi fuq ir-raba' l-iehor.
Il-koncessjoni enfitewtika tat-territorju "Ta' Giordan" ghalqet fl-1977, pero' d-direttarji ma ndunawx mal-ewwel u l-prokuratur taghhom f'Ghawdex, dak iz-zmien, il-Monsinjur Edwardo Bondi Dalli, baqa' jigbor ic-cens xorta wahda. Kien qed imur ihallsu l-attur Joseph Attard. Madankollu Frenc Attard qatt ma accetta ebda hlas minghand il-konvenut Borg rigwardanti dan ic-cens.

Il-Kurja Arciveskovili ta' Malta, wara li ghamlet id-debiti ricerki taghha dwar il-provvenjenza ta' dan it-territorju, ikkoncediet disat itmien raba' cirka mill-art "Ta' Giordan" lill-atturi ahwa Attard

b'titolu ta' qbiela permezz ta' skrittura privata b'effett mill-15 ta' Awissu 1984.

Il-konvenut jiddubita kemm fir-realta' l-bicca raba' li ghandu f'idejh kienet tifforma parti minn dan it-territorju li kien gie koncess b'enfitesi temporanja lill-kjeriku Giuseppe Vella fl-1878, jew setghetx kienet anke parti mill-art illi kienet giet sussegwentement ittrasferita lill-Ammiraljat.

Il-Qorti pero' hija konvinta illi rrizultaw diversi elementi konvincenti dwar il-vera provenjenza ta' l-art f'idejn il-konvenut u li din tifforma parti mit-territorju "Ta' Giordan" li rega' waqa' f'idejn il-Knisja wara l-iskadenza tal-koncessjoni enfitewtika imsemmija.

Apparti l-fatt illi minn ezami komparattiv tad-diversi pjanti li gew esebiti fis-seduti peritali, jirrizulta sodisfacentement illi l-art f'idejn il-konvenut qeghdha f'dan it-territorju, hemm ukoll ix-xhieda tar-rappresentant tad-Dipartiment ta' l-Artijiet f'Ghawdex, li allura ssuceda fil-proprjeta' ta' l-artijiet li kellu l-Ammiraljat, illi l-art in kwistjoni tigi 'l barra mill-beni tal-Gvern f'dawk l-inhawi. Mill-korrispondenza illi l-konvenut kellu man-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex, qabel ma saret din il-kawza, jidher illi ghal xi zmien huwa kellu l-impressjoni illi l-art li kien qed jokkupa kienet xi cens tal-Gvern, u dana billi kienet qrib hafna tal-parti li l-Gvern kellu minn ta' l-Ammiraljat.

Hemm ukoll ix-xhieda ferm informattiva ta' Frenc Attard, illi jiftakar l-artipposeduta mill-konvenut f'idejn Giuseppe Caruana li kien ihallas is-sehemt ieghu ta' nofs lira mic-cens fuq il-parti tieghu minn dan it-territorju, appuntu l-ammont illi l-konvenut kien gie obbligat li jhallas bhala cens lill-istess Frenc Attard bl-iskrittura tan-Nutar Carbonaro fuq imsemmija.

Ghalkemm ma jsemmi xejn specifikament dwar it-titoll li bih jippretendi illi qed jokkupa l-art in kwistjoni fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu, jidher minn dak li ntqal fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ferm kopjuza tieghu, illi l-konvenut qed jibbaza t-titolu tieghu fuq l-iskrittura li saret ghand in-Nutar Carbonaro fl-1981.

Bis-sahha ta' dik l-iskrittura kif gia inghad, il-konvenut inghata l-qbiela ta' cirka 2642 metri kwadri msejjha "Ta' Giordan" minghand Maria Galea u allura jidhirlu li qed jokkupa l-istess art b'dan it-titolu ta' qbiela. Pero' billi rrizulta illi meta saret din l-iskrittura, il-koncessjoni enfitewtika tal-1878 kienet gia skadiet, tali skrittura ma setghet halliet ebda effett legali : "nemo dat quod non habet". It-titolu ta' Giuseppe Caruana kien wiehed temporanju, u minkejja illi dan assenja l-art in kwistjoni lil bintu

bil-kuntratt ta' antikresi fuq imsemmi ghal perjodu ta' tmenin sena, l-istess kuntratt ma seta' kellu ebda konsegwenza wara l-iskadenza tal-perjodu tal-koncessjoni enfitewtika originali tal-1878. Kwalunkwe terminu eccessiv illi l-partijiet ghal dik l-antikresi setghu arbitrarjament iffissaw, aktar u aktar meta ma kienu saru ebda ricerki dwar it-titolu ta' l-istess proprjeta' kien kollu inutili.

Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, l-konvenut isemmi wkoll l-emendi li kienu saru fil-Kodici Civili dwar l-istitut ta' l-antikrewsi bl-Att XXX tal-1981 li permezz tieghu l-effett ta' l-artikolu 1987 tal-Kap. 16 gie jfisser illi antikresi li tkun saret b'att pubbliku qabel it-28 ta' Frar 1961, ghal zmien ta' aktar minn tletin sena, kellha titqies bhala bejgh, kemm-il darba l-kreditur fi zmien sentejn (wara saret sitt snin) jinsinwa dan l-att fir-Registru Pubbliku bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh. Apparti l-kwistjoni kemm dan il-provvediment setax japplika f'kaz ta' titolu temporanju bhal ma kien il-kaz in ezami, l-konvenut ma gab ebda prova illi tali insinwa qatt saret minn Maria Galea. Ghalhekk fil-mankanza ta' dan, minkejja dak li forsi qed jallugi ghalih il-konvenut, certament ma jista' lanqas jinghad illi din Maria Galea setghet titqies illi kienet saret il-proprjetarja b'titolu ta' bejgh ta' l-istess art bis-sahha ta' dawn l-emendi.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li qieset dan kollu, waslet ghall-konkluzjoni illi l-konvenut qieghed tassew jokkupa l-art ta' cirka 2462 metri kwadri msejjha "Ta' Giordan" limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex, illegalment u li din l-istess art tifforma parti mill-Legat anness mal-Knisja ta' San Filippu Neri tal-Birgu, proprjeta' ta' Arcidjocesi ta' Malta kif rappresentata f'dawn il-proceduri mill-attur Salvatore Muscat nomine, u koncessa bi qbiela wara l-iskdenza tal-koncessjoni enfitewtika tal-1878 lill-atturi l-ohra Alfred u Joseph ahwa Attard."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors ta' appell voluminuz u verbuz li meta taghsru jirrisolvi ruhu f'wiehed ta' facile spedizione. Din il-Qorti ser tiskarta bhala mhux denji ta' konsiderazzjoni riflessi li l-appellant ghamel fil-konfront tal-Magistrat li ppresjeda l-ewwel Qorti

ghax altrimenti kienet serjament tikkonsidra tipprocedi ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti kontra l-awtur tar-rikors tal-appell. Dana ghaliex il-kummenti negattivi fil-konfront tal-ewwel Qorti kienu ghal kollox ingustifikati u barra minn lokhom kif tista' tixhed is-sentenza akkurata guridikament, klinikament korretta li tat ragun lill-atturi u sabet htija fil-konvenut. Kien proprju ghalhekk li din il-Qorti dehrilha li kellha tirriproduci verbatim il-motivazzjoni tas-sentenza appellata.

Sentenza illi tirrintraccja b'mod konciz imma car u korrett il-provenjenza tar-raba' in kwistjoni, kif tirrizulta minn kuntratti pubblici esibiti in atti u li tistabbilixxi lil hinn minn kull dubbju illi r-raba' kien proprjeta' esklussiva tal-attur Salvatore Muscat nomine. Prova li ampjament tissodisfa dik dijabolika li l-attur kien mistenni jaghmel f'azzjoni reivendikatorja kif certament kienet dik taht ezami, almenu in kwantu hi proposta mit-Taqsima Finanzi tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta nomine. Din il-Qorti ipprovat tindovina mir-rikors tal-appell, sfortunatament redatt b'mod mhux ghal kollox limpidu, jekk kienx hemm xi aggravju ta' sostanza fir-rigward tat-titolu ta' proprjeta' kif stabbilit fis-sentenza appellata u ma sabet xejn li jimmerita il-konsiderazzjoni taghha u seta' b'xi mod jiskossa fiha l-konvinzjoni dwar il-korrettezza tat-titolu kif stabbilit fis-sentenza appellata. Del resto l-appellant mhu bl-ebda mod qed jivvanta xi titolu ta' proprjeta' fuq l-istess raba'. Hu jghid li javvanta titolu ta' qbiela li hu jsostni illi inghatalu minn Maria Galea gja' ghal xi zmien ko utilista tal-istess raba'.

Ma jqumx allura l-kaz hawn ta' ezami komparattiv bejn it-titolu pretiz mill-attur Alfred P. Farrugia nomine u t-titolu pretiz mill-konvenut. Kien bizzejjed ghall-fini ta' din l-azzjoni illi l-Qorti tkun sodisfatta li prima facie kien jirrizulta illi r-raba' kien ta' proprjeta' ta' enti ekklezjastiku kif premess ghat-talbiet. Fatt dan li, kif inghad, gie ampjament stabbilit. Il-kawza tirrisolvi ruhha imbaghad f'ezami tal-provi biex jigi stabbilit min kien qed jokkupa l-fond proprjeta' ta' Alfred P. Farrugia nomine b'titolu mal definit. Hawn allura jinhtieg li jsir ezami bejn it-titolu pretiz mill-ahwa Attard li jippretendu li qed jokkupaw ir-raba' b'titolu ta' qbiela minghand l-attur l-iehor Alfred P. Farrugia nomine u t-titolu pretiz mill-konvenut li jippretendi li qed jokkupa l-istess raba' b'titolu ta' qbiela lilu koncess minn Maria Galea. Anke hawn l-aggravju tal-appellant ifalli. Filwaqt li jirrizulta provat illi l-Kurja baqghet tirrikonoxxi lill-ahwa Attard bhala inkwilini tar-raba', anke wara li skada c-cens tat-territorju in kwistjoni fil-1977, u infatti kompliet tircievi minn ghandhom il-qbiela fl-istess ammont li kienet tircievi qabel min ghandhom bic-cens, fil-kaz tal-appellanti dan jeradika l-pretiz titolu tieghu ta' qbiela fi skrittura li saret bejnu u bejn Maria Galea fil-5 ta' Marzu 1981. Kif inghad Maria Galea kienet fl-ahjar ipotesi ghaliha ko utilista tar-raba'. Una volta c-cens ghalaq fis-sena 1977, u dwar dan m'hemmx kwistjoni, hi certament ma kellha l-ebda jedd li tiddisponi minnu bl-ebda titolu favur terzi kif jidher li ghamlet bl-iskrittura tal-5 ta' Marzu 1981 meta kkoncediet b'titolu ta'

kera r-raba' lill-konvenut appellant. Dan dejjem jekk wiehed iqis li l-iskrittura kienet legalment korretta u vinkolanti.

Dan apparti f'sitwazzjoni simili l-mala fede u l-buona fede tal-konvenut appellant meta ghamel l-iskrittura ma' din Maria Galea hi ghal kollox inmaterjali ghall-ezitu tal-kawza. Il-principju li kellu jiggverna sitwazzjoni simili kien dak li hadd ma seta' jaghti minn dak li ma kellux "Nemo dat quod non habet". Issir ukoll irrilevanti l-iskop li ghalih l-appellant kera "ir-raba' in kwistjoni". Hu allegat li dan hadu biss ghal skopijiet ta' kacca u allura anke dan l-element kellu jigi se mai evalwat fil-konsiderazzjoni ta' xi protezzjoni l-konvenut seta' qatt jinvoka taht il-ligijiet vigenti. Mertu dan li din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tesplora ghaliex, kif inghad, kull titolu pretiz mill-appellant bis-sahha tal-iskrittura appena citata kien inficjat u bla ebda sahha jew validita' fil-ligi. Din il-Qorti ma setghet tiskopri l-ebda argument fl-aggravju tal-appellant li b'xi mod seta' jxellef din il-verita' u rejalta' guridika. Ir-riferenza li hu ghamel ghall-emendi li saru bl-att XXX tal-1981 ghall-Istitut ta' antikrisi m'huma xejn hlief tentattiv fjakk biex jizvija l-attenzjoni tal-Qorti u jittanta jeradika d-dritt tal-propjeta' fil-persuna ta' Maria Galea meta dan kien guridikament inammissibbli u meta f'kull kaz l-ebda prova fir-rigward ma ngiebet. Il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti f'dan il-kuntest hi elokwenti u xejn ma jinhtieg li jinzied maghha.

Skartat l-aggravju fil-mertu din il-Qorti ma jidhriliex li hemm xi htiega li tinoltra ruhha f'dibattitu inutili u frivolu fuq hafna eccezzjonijiet procedurali li fl-ahhar mill-ahhar jirrizultaw kollha infondati u bla bazi. Aggravji ta' nullita' ormai sorpassati u rimedjabbli bil-provvedimenti illuminati li saru anke di ricente fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Xieraq li jinghad li l-appellati proprio et nomine jirreciprokaw il-kumpliment billi fir-risposta tal-appell jecepixxu huma wkoll eccezzjonijiet ta' din ix-xorta. Din il-Qorti mhix ser tilqaghhom u sejra tordna kull fejn jinhtieg il-korrezzjonijiet indikati biex jirregolarizzaw ir-rikors tal-appell f'kull inkorrettezza fil-forma sollevata mill-appellati proprio et nomine. Ghalhekk tordna l-korrezzjoni tal-kelma "petizzjoni" fir-rikors tal-appell billi din tigi sostitwita bil-kelma "rikors". Hu minnu illi l-artikolu 164 tal-Kap 12 jipprovdi illi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 175 ta' dan il-Kodici jkun hemm nullita' jekk kawza li jmissha tingieb b'citazzjoni jew b'rikors ta' appell minflok tingieb permezz ta' xi att gudizzjarju iehor". Pero' l-artikolu 175 jaghti proprju poter lill-Qorti biex tordna li jsiru korrezzjonijiet fl-iskritturi f'kull zmien tal-proceduri. Inoltre l-fatt illi l-"petizzjoni" bhala att ma baqghetx aktar forma kontemplata fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili ma setghax strettament jinghad illi l-att promotur tal-gudizzju quddiem din il-Qorti minflok b'rikors sar "permezz ta' xi att gudizzjarju iehor". Dan ghaliex "il-petizzjoni" ma setghatx stricto iure jinghad li kienet ghadha konsidrata bhalha "xi att gudizzjarju iehor" ghall-fini tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. L-artikolu 175 imbaghad jawtorizza

lil din il-Qorti wkoll biex taghmel kull korrezzjoni mehtiega fl-okkju tar-rikors tal-appell u din il-Qorti qed tordna li ssir il-korrezzjoni mehtiega biex l-okkju fir-rikors ikun konformi mal-okkju fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.  Ghall-fini tal-izgumbrament din il-Qorti tordna li x-xahar zmien stabbilit fis-sentenza appellat kellu jibda jiddekorri mil-lum.

Dep/Reg

mg